**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2020/0035(COD)**

14.7.2020

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)
(COM(2020)0078 – C9-0076/2020 – 2020/0035(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Martina Michels

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet l-2021 bħala s-Sena Ewropea tal-Ferroviji biex tippromwovi t-trasport bil-ferroviji bħala mezz ta' trasport sostenibbli, innovattiv u sikur, permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti, kampanji u inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew bl-għan li sal-2050 tinkiseb newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima. Peress li t-trasport jammonta għal kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE, is-settur ferrovjarju se jkollu rwol kruċjali fit-twettiq ta' din il-mira.

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tistudja strateġija bbażata fuq il-mobilità sostenibbli u intelliġenti bil-prijorità li parti sostanzjali mill-75 % tal-merkanzija interna li tinġarr fl-Ewropa llum il-ġurnata tibda tinġarr bil-ferroviji jew il-passaġġi fuq l-ilma interni.

It-tifqigħa tal-COVID-19 laqtet lill-UE kollha kemm hi, b'impatt kbir fuq it-trasport u l-konnettività fl-UE. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji tista' tirrappreżenta l-opportunità li jinfetaħ dibattitu kostruttiv dwar l-isfidi futuri li se jħabbtu wiċċhom magħhom il-modi kollha tat-trasport u dwar il-miżuri meħtieġa li għandhom jiġu implimentati biex tiġi mħarsa s-saħħa tal-ħaddiema tat-trasport u tal-passiġġieri.

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-2021 tiġi ddikjarata "Sena Ewropea tal-Ferroviji" u l-objettiv tagħha li l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u organizzazzjonijiet oħra jiġu mħeġġa u appoġġati sabiex jiżdied is-sehem tal-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija bil-ferroviji.

Ir-rapporteur temmen li l-ħolqien u t-tisħiħ ta' modi ta' trasport sostenibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent huma parti kruċjali mill-istrateġija tal-UE biex tindirizza t-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, ir-rapporteur tenfasizza r-rwol importanti tal-politika ta' koeżjoni fit-titjib tan-netwerks ferrovjarji interni u transfruntiera tal-UE, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati.

Ir-rapporteur tqis is-Sena Ewropea tal-Ferroviji bħala opportunità ewlenija biex jiġu esplorati strateġiji għat-tisħiħ tal-politiki tal-UE dwar il-ferroviji, speċjalment f'żoni rurali u tal-fruntieri fejn in-netwerks ferrovjarji u l-istazzjonijiet tal-ferrovija lokali qed ikomplu jiġu mneħħija. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-aċċessibbiltà għall-anzjani u l-persuni żvantaġġati u t-titjib tad-drittijiet tal-passiġġieri, sistema aħjar tal-prenotazzjoni u tal-biljetti, investimenti fl-infrastrutturi u s-servizzi.

Fil-fehma tar-rapporteur, it-trasport ferrovjarju għandu jkun alternattiva reali għall-modi tat-trasport individwalizzati u għat-titjiriet qosra jew ta' distanza medja. Id-dimensjoni transfruntiera tal-ferroviji tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin u tippermettilhom li jesploraw l-Unjoni fid-diversità u r-rikkezza kulturali kollha tagħha. Id-dimensjoni transfruntiera tal-ferroviji għandha trawwem ukoll il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, b'mod partikolari fl-ambitu tal-objettivi tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020 għal Ewropa aktar ekoloġika u aktar konnessa.

Ir-rapporteur temmen li s-Sena Ewropea tal-Ferroviji fl-2021 tista' tgħin ukoll biex tiżdied il-kuxjenza dwar il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati l-ferroviji, inklużi s-servizzi u l-infrastruttura diġitali tagħhom fl-Istati Membri kollha.

Ir-rapporteur tipproponi miżuri konkreti ulterjuri biex jintlaħqu l-objettivi tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji bħal, fost l-oħrajn: ir-riattivazzjoni ta' linji ferrovjarji tal-passiġġieri u tal-merkanzija lokali, reġjonali u interreġjonali, l-introduzzjoni mill-ġdid ta' netwerk Ewropew ta' ferroviji ta' billejl, li jilħaq l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi ġirien, l-iżvilupp ta' sistema unifikata ta' prenotazzjoni tal-biljetti li tkun valida fl-Istati Membri kollha u għall-kumpaniji ferrovjarji kollha li joperaw fl-Unjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019[15], il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini tagħha. Il-Patt Ekoloġiku ***Ewropea*** huwa strateġija ***ġdida*** ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn ***it-tkabbir*** ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. | (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019[15], il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni Ewropea u għaċ-ċittadini tagħha. Il-Patt Ekoloġiku ***Ewropew mhuwiex biss politika klimatika msaħħa, iżda*** huwa strateġija ta' tkabbir ***integrat u inklużiv b'ambizzjoni ambjentali biex tittrasforma l-ekonomija u s-soċjetà tal-Unjoni u jippożizzjonahom fuq triq ekoloġikament sostenibbli*** li ***tippreserva d-drittijiet soċjali u ttejjeb il-ħajja għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Din l-istrateġija barra minn hekk*** għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, ***soċjali,*** effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva ***bil-ħolqien tal-impjiegi u l-opportunitajiet bħala l-prijorità tagħha*** fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra ***tal-UE*** fl-2050 u fejn ***l-iżvilupp*** ekonomiku ***u sostenibbli*** jkun diżakkoppjat |

mill-użu tar-riżorsi. ***Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' rispons effettiv u progressiv biex tiġi indirizzata b'mod determinat it-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima u l-impatti tal-miżuri meħuda.***

[15] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final)

[15] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final)

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Billi l-bidliet li seħħew fis-soċjetà Ewropea b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, u l-effetti li qed ikollhom fuq is-saħħa u l-ekonomija, inklużi l-impatti potenzjali fuq is-suq intern f'dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-merkanzija u taċ-ċittadini, ifissru li jenħtieġ li tingħata attenzjoni lit-titjib fil-kollegamenti tal-komunikazzjoni li ġew interrotti matul il-pandemija, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll l-effetti sussegwenti potenzjali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[16], il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali mil-lat ta' klima | (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019[16], il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali mil-lat ta' klima |

| | |
|---|---|
| sal-2050. | sal-2050***, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi***. |
| [16] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 | [16] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020, il-Parlament Ewropew laqa' tajjeb il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u ***appella għat-tranżizzjoni*** meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050. | (3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020, il-Parlament Ewropew laqa' tajjeb il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" ***filwaqt li enfasizza l-ħtieġa urġenti ta' azzjoni ambizzjuża biex jiġu indirizzati b'mod determinat it-tibdil fil-klima*** u ***l-isfidi ambjentali ħalli t-tisħin globali jiġi limitat għal 1.5°C, u t-tranżizzjoni*** meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 ***u appella għal żieda fl-ambizzjoni tal-Unjoni favur it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-livell nazzjonali sal-2030***. |
| [17] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956 (RSP)) | [17] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956 (RSP)) |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) F'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm bżonn li l-ekonomija tal-Unjoni ***tinbidel*** u li | (4) F'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm bżonn li l-ekonomija ***u l-industrija*** tal-Unjoni |

| | |
|---|---|
| jitfasslu mill-ġdid il-politiki, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport u l-mobilità***, li jimplika*** li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti. It-trasport jirrappreżenta kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni, u għadu qed jikber. Biex tinkiseb in-newtralità tal-klima, jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport ***sal-***2050. Il-kisba ta' ***mezzi*** tat-trasport sostenibbli tfisser li l-utenti jiġu l-ewwel u jiġu pprovduti ***b'alternattivi*** aktar affordabbli, aċċessibbli, favorevoli għas-saħħa u nodfa mid-drawwiet attwali ***tal-mobbiltà*** tagħhom. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jimplika li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. B'mod partikolari, parti sostanzjali mill-75 % ta' merkanzija interna li tinġarr illum bit-triq ***għandha*** tingħadda ***fuq il-ferroviji*** u l-passaġġi fuq l-ilma interni. | ***jinbidlu*** u li jitfasslu mill-ġdid il-politiki ***u l-investiment fl-infrastruttura***, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport u l-mobilità***. Trasformazzjoni bħal din timplika*** li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli***, mingħajr emissjonijiet, intermodali*** u intelliġenti ***bil-ferrovija fil-qalba ta' kwalunkwe strateġija tal-mobilità jew tat-trasport***. It-trasport jirrappreżenta kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni, u għadu qed jikber. Biex tinkiseb in-newtralità tal-klima ***malajr kemm jista' jkun***, jeħtieġ li ***fl-Unjoni kollha kemm hi*** jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport ***sa mhux aktar tard mill-***2050. Il-kisba ta' ***sistema*** tat-trasport sostenibbli tfisser li l-utenti jiġu l-ewwel u ***li*** jiġu pprovduti ***lilhom għażliet u alternattivi*** aktar affordabbli, aċċessibbli ***għal kulħadd***, ***aktar*** favorevoli għas-saħħa u ***aktar*** nodfa mid-drawwiet attwali ***tal-mobilità*** tagħhom ***u li jiġu kkonsolidati dawk li diġà qed jużaw modi sostenibbli ta' mobilità inklużi r-rota u l-mixi***. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jimplika li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli***, intermodali*** u intelliġenti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. B'mod partikolari, parti sostanzjali mill-75 % ta' merkanzija interna li tinġarr illum bit-triq ***jenħtieġ li*** tingħadda ***għall-ferroviji*** u l-passaġġi fuq l-ilma interni ***mingħajr ma titpoġġa pressjoni fuq il-bini ta' aktar kanali jew l-approfondiment ulterjuri tax-xmajjar***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) ***Il-ferrovija*** għandha rwol sinifikanti x'taqdi bħala bidla radikali biex jintlaħaq l-objettiv ta' newtralità tal-klima ***sal-***2050. Huwa wieħed mill-aktar ***mezzi*** ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u | (5) ***Il-mobilità hija waħda mill-pilastri ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-ferrovija*** għandha rwol sinifikanti x'taqdi bħala ***dik li ġġib*** bidla radikali biex ***l-ekonomija tal-Unjoni tiġi dekarbonizzata*** |

| | |
|---|---|
| li huma effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija. Il-ferroviji huma ġeneralment elettriċizzati u jemettu ferm anqas $CO_2$ minn vjaġġar ekwivalenti bit-triq jew bl-ajru, u huma l-unika ***mezz*** tat-trasport li konsistentement naqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-1990 'l hawn. Barra minn hekk, il-ferroviji naqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom bejn l-1990 u l-2016[18] u qed jużaw dejjem aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli. | ***u biex*** jintlaħaq l-objettiv ***tagħha*** ta' newtralità tal-klima ***sa mhux aktar tard mill-***2050. Huwa wieħed mill-aktar ***modi*** ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u li huma effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija. Il-ferroviji huma ġeneralment elettriċizzati u jemettu ferm anqas $CO_2$ minn vjaġġar ekwivalenti bit-triq jew bl-ajru, u huma l-unika ***mod*** tat-trasport li konsistentement naqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-1990 'l hawn. Barra minn hekk, il-ferroviji naqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom bejn l-1990 u l-2016[18] u qed jużaw dejjem aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli. ***Għalhekk, jenħtieġ li din it-tendenza tiġi appoġġjata permezz tal-promozzjoni tal-enerġiji ekoloġiċi.*** |
| [18] DG MOVE Statistical Pocketbook 2019 "EU transport in figures" (sors: Eurostat) | [18] DG MOVE Statistical Pocketbook 2019 "EU transport in figures" (sors: Eurostat) |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fil-kuntest tal-impenji tal-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-awtoritajiet pubbliċi f'kooperazzjoni mas-settur ferrovjarju huma atturi ewlenin għall-implimentazzjoni u l-kisba tal-għanijiet stabbiliti.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) L-użu dejjem akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur ferrovjarju*** |

***jrid ikun akkumpanjat minn strateġija għal din it-tranżizzjoni ġusta li tqis il-ħtieġa ta' konnettività tat-trasport b'livell għoli ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.***

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5c) Sħubiji bejn ir-R&Ż, l-industrija, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom huma importanti biex ir-riċerka u l-innovazzjoni fit-trasport jingħataw appoġġ.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(5d) Il-ħolqien u t-titjib ta' modi tat-trasport sostenibbli, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent huma parti kruċjali mill-isforzi tal-UE għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Peress li l-Unjoni toffri appoġġ għal investiment fl-infrastruttura ferrovjarja permezz tal-fondi u l-istrumenti tagħha, din għandha impatt dirett fuq il-promozzjoni tal-ferroviji li jenħtieġ li jiġi sfruttat bis-sħiħ. Minħabba d-differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'termini ta' netwerks ferrovjarji u infrastruttura relatata, il-politika ta' koeżjoni taqdi rwol importanti fir-reġjuni kollha, iżda b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati u fiż-żoni rurali, billi ttejjeb in-netwerks ferrovjarji interni u transfruntiera tal-Unjoni. Il-politika ta' koeżjoni toffri wkoll rwol kontinwu u msaħħaħ għall-*** |

***investimenti favur Ewropa aktar ekoloġika għal kulħadd. Konsegwentement, ikun importanti li l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali jiġu involuti f'diskussjonijiet dwar l-ippjanar pluriennali, dwar proġetti relatati mad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, u dwar it-titjib ġenerali tal-investimenti pubbliċi u privati fir-reġjuni u biex tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. L-iżvilupp ekonomiku lokali jista' jibbenefika minn servizzi ferrovjarji sostenibbli, moderni u elettrifikati. Madankollu, il-modernizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju, b'attenzjoni speċifika għall-investimenti pubbliċi fl-infrastrutturi tat-trasport li se jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi tal-Unjoni, l-innovazzjoni, is-sikurezza, l-impjiegi ekoloġiċi u moderni u l-effiċjenza, se teħtieġ riżorsi addizzjonali.***

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Billi jgħaqqad ir-rotot ewlenin tat-trasport tal-Unjoni mar-reġjuni u t-territorji periferiċi ***tiegħu***, is-settur ferrovjarju jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali. | (6) Billi jgħaqqad ir-rotot ewlenin tat-trasport tal-Unjoni***, u dawk sekondarji,*** mar-reġjuni u t-territorji periferiċi ***tagħha, liż-żoni rurali ma' xulxin u maċ-ċentri urbani u billi joħloq konnessjonijiet transfruntiera neqsin***, is-settur ferrovjarju ***huwa fattur ewlieni fit-trasport u t-turiżmu sostenibbli u*** jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali. ***Il-ferrovija għandha rwol ċentrali fl-iżvilupp, billi ssaħħaħ il-mobilità, u tgħin biex jitwaqqaf l-eżodu tal-popolazzjoni miż-żoni rurali u mir-reġjuni inqas żviluppati tal-Unjoni, peress li toffri mezz ta' trasport vijabbli. Madankollu, il-ħolqien ta' konnessjonijiet aħjar u ż-żieda fis-sehem modali tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ferrovija jibqgħu sfida. Jenħtieġ li n-netwerks ferrovjarji lokali, u l-istazzjonijiet tal-ferrovija, li jagħmlu inqas qligħ ma jkomplux jiġu żarmati, u b'mod partikolari mhux fiż-żoni rurali u f'dawk tal-fruntiera. L-investiment fin-netwerk, fil-materjal fuq ir-roti u fis-servizzi jvarja ħafna bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-istrateġiji u l-pjanijiet biex ikomplu jittejbu l-politiki u n-netwerks ferrovjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu esplorati u mogħtija spinta biex it-trasport pubbliku jiġi diġitalizzat u biex il-konnessjonijiet jerġgħu jiġu kif kienu, u biex jitlestew il-konnessjonijiet nieqsa permezz tat-tiġdid, l-elettrifikazzjoni, l-immodernizzar tal-materjal fuq ir-roti u t-trawwim tal-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji tat-trasport ferrovjarju.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Filwaqt li s-sehem tal-ferroviji tal-passiġġieri fit-trasport fuq l-art fl-Unjoni żdied bi ftit mill-2007 'l hawn, is-sehem tal-merkanzija naqas. Għad fadal ħafna ostakli biex tinkiseb ***tassew*** Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, inkluż fir-rigward tal-ħtieġa li jitnaqqas l-istorbju. Jekk jingħelbu dawn l-ostakli u jkun hemm tnaqqis tal-ispejjeż u aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, dan jippermetti lill-ferrovija tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Għalhekk, il-ferrovija teħtieġ ***aktar*** spinta biex issir aktar attraenti kemm għall-vjaġġaturi kif ukoll għan-negozji. | (7) Filwaqt li s-sehem tal-ferroviji tal-passiġġieri fit-trasport fuq l-art fl-Unjoni żdied bi ftit mill-2007 'l hawn, is-sehem tal-merkanzija naqas. ***Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-bidla modali deskritti fil-White Paper tal-Kummissjoni tal-2011 dwar it-Trasport, il-kompetizzjoni bejn it-trasport tal-merkanzija bit-triq u dak bil-ferrovija trid tkun ġusta u bbilanċjata, filwaqt li tqis bis-sħiħ il-kosti esterni tat-trasport biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.*** Għad fadal ħafna ostakli biex tinkiseb Żona Ferrovjarja Unika Ewropea ***ġenwina u dawn għandhom impatt reali u sinifikanti fuq il-kompetittività u l-livell ta' attrazzjoni tat-trasport ferrovjarju***, inkluż***, inter alia, il-prezz pjuttost għoli tat-trasport ferrovjarju, in-nuqqas ta' konnessjonijiet sempliċi u ta' konnessjonijiet diretti, l-*** |

***imposti biex tiġi aċċessata l-infrastruttura ferrovjarja, l-ostakli biex il-materjal fuq ir-roti jibda jopera, id-diversità tas-sistemi tal-kontroll u tar-regolamenti dwar l-operat u*** fir-rigward tal-ħtieġa li jitnaqqas l-istorbju. Jekk jingħelbu dawn l-ostakli u jkun hemm tnaqqis tal-ispejjeż u aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, ***kif ukoll appoġġ Ewropew akbar għall-intermodalità,*** dan jippermetti lill-ferrovija tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Għalhekk, il-ferrovija teħtieġ ***li tkompli tingħata*** spinta biex issir aktar attraenti kemm għall-vjaġġaturi***, speċjalment għaż-żgħażagħ u ċ-ċittadini li jgħixu f'żoni periferiċi u f'territorji rurali, għall-ħaddiema*** kif ukoll għan-negozji. ***Sabiex jiġi żgurat trasport ferrovjarju aktar koerenti u attraenti madwar l-Ewropa kollha, jenħtieġ li ssir enfasi wkoll fuq it-titjib tad-drittijiet tal-passiġġieri, fuq sistemi aħjar tal-prenotazzjoni u tal-biljetti, fuq l-investimenti fl-infrastruttura, fuq aktar ferroviji ta' billejl li jipprovdu kollegamenti veloċi u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fl-Unjoni kollha, fuq l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sistemi ferrovjarji ħfief, bħal-linji tat-tramm fiż-żoni urbani, u fuq l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" b'mod soċjalment ibbilanċjat.***

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Sabiex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu bħala impjegatur importanti fl-Unjoni Ewropea, is-settur ferrovjarju għandu bżonn jiddiversifika l-forza tax-xogħol tiegħu u jattira lin-nisa u lill-ħaddiema żgħażagħ b'mod partikolari. Huwa essenzjali li jitwasslu servizzi tat-trasport ottimali għall-benefiċċju tal-utenti, filwaqt li l-ħaddiema ferrovjarji*** |

| | |
|---|---|
| | ***jgawdu kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità;*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex jiġi promoss it-trasport ferrovjarju f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti, ***is-sena*** 2021 ***jeħtieġ*** li tintgħażel bħala s-Sena Ewropea ***Ferrovjarja***. L-2021 se tkun l-ewwel sena sħiħa fejn se jiġu implimentati r-regoli miftiehma skont ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju fl-UE kollha, jiġifieri dwar il-ftuħ tas-suq tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri u dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-impriżi ferrovjarji li joperaw madwar l-UE. Hemm interess pubbliku dejjem jikber fil-ferroviji, inkluż fil-ferroviji ta' billejl, ***f'għadd ta' Stati Membri***, kif muri wkoll bil-popolarità ta' #DiscoverEU. Barra minn hekk, il-festival internazzjonali tal-arti "Europalia" se jiddedika l-edizzjoni tal-2021 tiegħu għall-influwenza tal-ferroviji fuq l-arti u jenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala promotur b'saħħtu ta' bidla soċjali, ekonomika u industrijali. | (8) Sabiex jiġi promoss it-trasport ferrovjarju f'konformità mal-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli***, intermodali*** u intelliġenti, ***u b'appoġġ tal-impenn tal-Unjoni għall-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, is-sena*** 2021 ***jenħtieġ*** li tintgħażel bħala s-Sena Ewropea ***tal-Ferrovija***. L-2021 se tkun l-ewwel sena sħiħa fejn se jiġu implimentati r-regoli miftiehma skont ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju fl-UE kollha, jiġifieri dwar il-ftuħ tas-suq tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri u dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-impriżi ferrovjarji li joperaw madwar l-UE. Hemm interess pubbliku ***li qed*** dejjem jikber fil-ferroviji, inkluż ***fil-konnessjonijiet interreġjonali u intrareġjonali u*** fil-ferroviji ta' billejl, ***b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ***, kif muri wkoll bil-popolarità ta' #DiscoverEU. Barra minn hekk, il-festival internazzjonali tal-arti "Europalia" se jiddedika l-edizzjoni tal-2021 tiegħu għall-influwenza tal-ferroviji fuq l-arti u jenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala promotur b'saħħtu ta' bidla soċjali, ekonomika u industrijali. |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettiv tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkun li tħeġġeġ u tappoġġa l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u organizzazzjonijiet oħra biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandha | L-objettiv tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkun li tħeġġeġ u tappoġġa l-isforzi tal-Unjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, ***l-NGOs,*** u organizzazzjonijiet ***pubbliċi u privati*** oħra biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija. B'mod partikolari, is-Sena Ewropea għandha |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tippromwovi ***t-trasport ferrovjarju*** bħala ***mezz*** ta' trasport sostenibbli, innovattiv u ***sikur***, b'mod partikolari billi tenfasizza r-rwol ***tal-ferroviji*** bħala fattur ta' bidla li jgħin biex jintlaħaq l-objettiv ***ta' newtralità*** tal-klima tal-Unjoni ***sal-***2050 u billi ***jilħaq lill-pubbliku*** usa', speċjalment ***iż-żgħażagħ***; | (a) tippromwovi ***l-ferrovija*** bħala ***mod*** ta' trasport sostenibbli***, affordabbli, aċċessibbli***, innovattiv***, sikur*** u ***unifikanti għal kulħadd***, b'mod partikolari billi ***jintuża materjal fuq ir-roti aktar silenzjuż, ekoloġiku u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, billi tistimula dibattitu Ewropew dwar l-iżvilupp tat-trasport ferrovjarju bħala alternattiva reali, aċċessibbli u universali għall-modi tat-trasport individwalizzati u għat-titjiriet qosra u ta' distanza medja, billi tiġi żgurata l-mobilità intermodali u fil-livell reġjonali,*** tenfasizza r-rwol ***tal-ferrovija*** bħala fattur ta' bidla li jgħin biex jintlaħaq l-objettiv ***tan-newtralità*** tal-klima tal-Unjoni ***sa mhux aktar tard mill-***2050 u billi ***tilħaq firxa*** usa' ***tal-pubbliku***, speċjalment ***liż-żgħażagħ u liċ-ċittadini li jgħixu fiż-żoni periferiċi u rurali kif ukoll ir-rwol pożittiv li l-ferroviji jistgħu jaqdu bħala strument għal wara l-COVID-19 u rkupru ieħor mill-kriżijiet***; |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tenfasizza wkoll id-dimensjoni Ewropea, transfruntiera ***tal-ferroviji***, li tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom ***li*** jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha, trawwem il-koeżjoni u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-Unjoni; | (b) tenfasizza wkoll id-dimensjoni Ewropea, transfruntiera ***tal-ferrovija***, li ***taqdi rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' trasport u turiżmu reġjonali u lokali sostenibbli,*** tqarreb ***liż-żoni rurali, remoti u periferiċi lejn partijiet oħra tal-Unjoni u*** liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha, ***tfittex li tlesti għalkollox il-konnessjonijiet nieqsa,*** trawwem il-koeżjoni ***soċjali, ekonomika u territorjali fl-ambitu tal-objettivi tal-Politika ta' Koeżjoni għal wara l-2020 għal Ewropa aktar ekoloġika u konnessa b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-komunitajiet lokali*** u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-Unjoni; |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) tenfasizza l-urġenza u l-importanza tat-trasport elettriċizzat għal distanzi twal u qosra, u l-ħtieġa li tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-infrastruttura u għas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri kollha;*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) tiddedika investiment tal-Unjoni biex jiġu attivati mill-ġdid u mtejba l-konnetturi ferrovjarji eżistenti, użati jew*** |

| | |
|---|---|
| | ***mhux użati u biex jitlestew għalkollox il-konnessjonijiet neqsin bejn ir-reġjuni tal-fruntiera, kemm għat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll għal dak tal-merkanzija;*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ittejjeb il-kontribut tal-ferroviji għall-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà tal-Unjoni, li jkopri b'mod partikolari aspetti relatati mal-iżvilupp reġjonali, ***il-kompetittività*** industrijali, it-turiżmu sostenibbli, l-innovazzjoni, l-impjiegi, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-kultura, u t-titjib tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità; | (c) ittejjeb il-kontribut tal-ferroviji għall-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà tal-Unjoni, li jkopri b'mod partikolari aspetti relatati mal-iżvilupp ***sostenibbli*** reġjonali, ***urban-rurali u trasfruntier lokali, il-protezzjoni tal-klima, it-tranżizzjoni*** industrijali, it-turiżmu sostenibbli, l-innovazzjoni, ***l-inklużjoni soċjali,*** l-impjiegi ***soċjalment sostenibbli***, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-kultura, u t-titjib tal-aċċessibbiltà għall-persuni ***anzjani, il-gruppi żvantaġġati u l-persuni*** b'diżabilità ***u b'mobilità mnaqqsa***; |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ferrovija bħala element importanti tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, ***b'mod partikolari*** fil-Balkani tal-Punent, billi tedifika fuq l-interess u l-ħtiġijiet fil-pajjiżi sħab u fuq ***l-għarfien*** espert ***tal-Unjoni*** fit-trasport ferrovjarju. | (d) tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ferrovija bħala element importanti tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, ***bħal dawk*** fil-Balkani tal-Punent, ***il-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant u r-Renju Unit*** billi tedifika fuq l-interess u l-ħtiġijiet fil-pajjiżi sħab***, ir-reġjuni u l-muniċipji fil-fruntieri*** u fuq ***l-iskambju tal-għarfien*** espert fit-trasport ferrovjarju. |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) tiżgura li s-Sena Ewropea 2021 ikollha impatt fit-tul fil-forma ta' proġetti speċifiċi li għandhom jiġu promossi u mwettqa fis-snin sussegwenti bl-impenn kontinwu tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, bħall-istituzzjonijiet Ewropej u l-aġenziji tagħhom, l-impriżi ferrovjarji, u l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi Ewropej;*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ferroviji bħala mezz li jiffaċilita l-mobilità u l-moviment temporanju tal-oġġetti u tat-tagħmir sabiex tkun tista' titwettaq il-kooperazzjoni u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-gruppi b'rabta mal-kultura u l-edukazzjoni, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-fatt li l-mobilità temporanja tal-persuni, l-oġġetti u t-tagħmir toffri mod tajjeb ta' kif jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni, kif ukoll biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u l-għarfien espert;*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) inizjattivi u avvenimenti li jippromwovu d-dibattitu, iqajmu kuxjenza | (a) inizjattivi u avvenimenti li jippromwovu d-dibattitu, iqajmu kuxjenza |

| | |
|---|---|
| u jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-awtoritajiet pubbliċi biex jattiraw aktar nies u merkanzija lejn ***il-ferroviji*** bħala mezz biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, permezz ta' kanali u mezzi multipli, inklużi avvenimenti fl-Istati Membri; | u jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-awtoritajiet pubbliċi biex ***itejbu l-kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar bil-ferrovija u*** jattiraw aktar ***riżorsi,*** nies u merkanzija lejn ***il-ferrovija*** bħala mezz biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, ***inkluż l-użu tal-enerġija ekoloġika għall-infrastruttura ferrovjarja, għall-iżvilupp reġjonali u għall-esplorazzjoni territorjali. Dawn l-inizjattivi għandhom jikkontribwixxu wkoll biex tittejjeb il-mobilità personali u biex jiġi inkoraġġit l-iskambju kulturali u t-turiżmu sostenibbli,*** permezz ta' kanali u għodod multipli, inklużi avvenimenti fl-Istati Membri***, fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, inkluż fiż-żoni tal-fruntiera fuq inizjattivi ferrovjarji ffinanzjati mill-programm INTERREG bin-natura intrinsikament Ewropea tagħhom***; |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) inizjattivi u avvenimenti li jkollhom l-għan li jżidu l-kuxjenza dwar il-kapaċità tas-settur ferrovjarju li jipprevjeni lill-komunitajiet lokali, ir-reġjuni kostali u dawk remoti milli jsiru aktar iżolati u, minflok, jippromwovi l-integrazzjoni tagħhom ma' aktar żoni urbani u reġjonali;*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) kampanji biex titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-potenzjal li għandu t-TEN-T li jippromwovi l-koeżjoni u*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiffavorixxi l-iżvilupp industrijali u ekonomiku fir-reġjuni li mhumiex parti min-netwerks ewlenin, fejn il-proġetti u l-investimenti għandhom ikopru l-provvediment ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju reġjonali ta' kwalità u konnessjonijiet lokali bejn iż-żoni remoti u r-rotot u l-ekosistemi urbani akbar, sabiex tingħata spinta kemm lill-bidla modali u kemm lill-koeżjoni soċjali fl-istess ħin;*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) inizjattivi li jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali fid-diskussjonijiet dwar l-ippjanar pluriennali, il-proġetti ta' diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u dwar it-titjib ġenerali tal-investimenti pubbliċi u privati fir-reġjuni fejn l-SMEs, u l-iżvilupp ekonomiku lokali jistgħu jibbenefikaw bil-kbir minn servizzi ferrovjarji sostenibbli, moderni u elettriċizzati;*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kampanji ta' informazzjoni, wirjiet, ispirazzjoni, edukazzjoni u sensibilizzazzjoni biex jiġu mħeġġa bidliet fl-imġiba tal-passiġġieri, tal-konsumaturi u tan-negozju u biex jiġi stimulat kontribut attiv tal-pubbliku ġenerali biex jintlaħqu l-objettivi ta' trasport aktar sostenibbli; | (b) kampanji ta' informazzjoni, wirjiet, ispirazzjoni, ***taħriġ,*** edukazzjoni***, ħidma soċjali*** u sensibilizzazzjoni biex jiġu mħeġġa bidliet fl-imġiba tal-passiġġieri, tal-konsumaturi u tan-negozju***, inkluż fl-industrija ferrovjarja,*** u biex jiġi stimulat kontribut attiv tal-pubbliku ġenerali biex jintlaħqu l-objettivi ta' trasport aktar sostenibbli***, innovattiv, sikur u aċċessibbli,*** |

| | |
|---|---|
| | ***filwaqt li n-nies jiġu mħeġġa biex b'mod attiv jiskopru l-Ewropa***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prattiki tajba tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, in-negozji u l-iskejjel dwar il-promozzjoni tal-użu tal-ferroviji u dwar kif tiġi implimentata bidla fl-imġiba fil-livelli kollha; | (c) il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prattiki tajba tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, ***l-NGOs,*** in-negozji***, it-trejdjunjins*** u l-iskejjel dwar il-promozzjoni tal-użu ***sikur*** tal-ferroviji u dwar kif ***tista'*** tiġi implimentata bidla fl-imġiba fil-livelli kollha ***tal-utenti u l-impjegati kollha tat-trasport, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' soluzzjonijiet konkreti u umani dwar l-aċċessibilità ottimali għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni anzjani; il-wiri intenzjonat tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għall-proġetti ferrovjarji, b'mod partikolari l-konnessjonijiet transfruntiera neqsin, l-approċċi deċentralizzati u l-konnettività reġjonali***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) it-twettiq ta' studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-tixrid tar-riżultati tagħhom fuq skala Ewropea jew nazzjonali; ***and*** | (d) it-twettiq ta' studji u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u t-tixrid tar-riżultati tagħhom fuq skala Ewropea jew nazzjonali ***u reġjonali***; ***inkluż dwar netwerk Ewropew ta' awtostradi ferrovjarji, l-użu ta' enerġija ekoloġika għall-infrastruttura ferrovjarja, u studji li jiffokaw fuq sorsi Ewropej ta' finanzjament u u s-sinerġiji bejniethom fi proġetti relatati mal-linji ferrovjarji, b'mod partikolari dawk transfruntiera;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-promozzjoni ta' proġetti u netwerks relatati mas-Sena Ewropea, inkluż permezz tal-midja, in-netwerks soċjali u komunitajiet online oħra. | (e) il-promozzjoni ta' ***komunikazzjoni interattiva dwar*** proġetti u netwerks relatati mas-Sena Ewropea, inkluż permezz tal-midja, in-netwerks soċjali u komunitajiet online oħra. |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) studji u stħarriġ fil-livell reġjonali biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini fir-rigward tat-trasport ferrovjarju.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) il-promozzjoni tal-wirt storiku u kulturali tal-ferroviji, permezz tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ec) kampanji biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini biex jużaw it-*** |

| | |
|---|---|
| | ***trasport pubbliku ferrovjarju tal-passiġġieri;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ed (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ed) kampanji biex tiġi ddiversifikata l-forza tax-xogħol tas-settur ferrovjarju, billi jiġu attirati b'mod partikolari n-nisa u l-ħaddiema żgħażagħ;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ee (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ee) kampanji biex jiġu promossi soluzzjonijiet ekoloġiċi li diġà ġew adottati;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Unjoni għandha tidentifika u tesplora proġetti u miżuri ewlenin bħalma huma:*** |
| | ***(a) ir-riattivazzjoni u l-multiplikazzjoni tal-linji ferrovjarji tal-passiġġieri u tal-merkanzija lokali, reġjonali u interreġjonali, stazzjonijiet ferrovjarji lokali u konnessjonijiet bejn il-linji ferrovjarji lokali u l-linji ferrovjarji b'ħafna veloċità u l-linji ferrovjarji ta' distanza twila;*** |

***(b) l-identifikazzjoni ta' proġetti u miżuri ewlenin u l-promozzjoni f'livelli differenti li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul, bħal sforz konġunt Ewropew biex jiġi mħeġġeġ l-investiment f'awtostradi ferrovjarji, terminals u materjal fuq ir-roti bħala għażla ta' bidla modali ottimizzata li se tikkontribwixxi għall-koeżjoni reġjonali u għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija;***

***(c) sforz konġunt Ewropew għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' netwerk ta' linji ferrovjarji ta' billejl moderni u bi prezz li jintlaħaq, li jaslu fl-Istati Membri kollha u fil-pajjiżi ġirien;***

***(d) l-iżvilupp ta' sistema unifikata ta' prenotazzjoni tal-biljetti u ta' skemi ta' vantaġġ għall-ferroviji Ewropej, li jippermettu lill-konsumaturi jixtru biljett uniku minn kwalunkwe stazzjon Ewropew għal kwalunkwe stazzjon ieħor, independentement mill-kumpanija ferrovjarja, bi drittijiet tal-passiġġieri garantiti u bl-aktar prezz vantaġġuż;***

***(e) mudelli fit-tul sostenibbli għal trasport pubbliku lokali mingħajr ħlas;***

***(f) il-promozzjoni tal-ferroviji permezz ta' rati tal-VAT preferenzjali fil-livell nazzjonali;***

***(g) l-integrazzjoni tal-għanijiet ta' netwerks u servizzi ferrovjarji ekoloġiċi, innovattivi, diġitali, sikuri u aċċessibbli fl-istrateġija tal-industrija tal-Unjoni, inkluż ir-rwol tagħha għall-koeżjoni, għall-impjiegi deċenti u bil-ħiliet u għall-iskambju kulturali.***

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll l-Istati Membri, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali rispettivament, ***jistgħu*** jirreferu għas-Sena Ewropea u jagħmlu użu mill-identità viżiva tagħha biex jippromwovu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1**.** | 2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll l-Istati Membri, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali rispettivament, ***għandhom*** jirreferu għas-Sena Ewropea u jagħmlu użu mill-identità viżiva tagħha biex jippromwovu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1***, filwaqt li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-proġetti u l-inizjattivi ffinanzjati fil-qafas tas-Sena Ewropea jissemma kif xieraq fl-istadji kollha tal-promozzjoni;*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali hija responsabilità tal-Istati Membri. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru koordinaturi nazzjonali. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali. | L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali hija responsabilità tal-Istati Membri. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru koordinaturi nazzjonali ***u, fejn ikun meħtieġ, subkoordinaturi reġjonali u lokali***. Il-koordinaturi nazzjonali***, b'konformità mas-subkoordinaturi, fejn jinħatar wieħed jew aktar,*** għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali. |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha regolarment torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea. Dawk il- | 1. Il-Kummissjoni għandha regolarment torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali***, filwaqt li tinvolvi atturi lokali u reġjonali,*** sabiex |

laqgħat għandhom ***iservu wkoll bħala opportunitajiet*** biex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni; ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew ***jistgħu*** jipparteċipaw f'dawk ***il-laqgħat bħala osservaturi***.

tikkoordina t-tmexxija tas-Sena Ewropea. Dawk il-laqgħat għandhom ***ikunu opportunità*** biex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell ***reġjonali, dak*** nazzjonali u dak tal-Unjoni; ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew***, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandhom jiġu mistiedna biex*** jipparteċipaw f'dawk ***l-iskambji***.

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni għandu jkollha approċċ trasversali bil-għan li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni ***għall-finanzjament ta'*** proġetti fil-qasam tat-trasport ferrovjarju jew li għandhom dimensjoni ferrovjarja. | 2. Il-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni għandu jkollha approċċ trasversali bil-għan li ***jiġu identifikati sinerġiji eżistenti u*** jinħolqu sinerġiji ***ġodda u sostenibbli*** bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni ***li jiffinanzjaw*** proġetti fil-qasam tat-trasport ferrovjarju jew li għandhom dimensjoni ferrovjarja***, filwaqt li jitqies li objettivi addizzjonali tal-politika jirrikjedu riżorsi addizzjonali aktar milli sempliċi riallokazzjonijiet***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat regolari tal-partijiet interessati u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tat-trasport ferrovjarju, ***inkluż netwerks kulturali*** transnazzjonali ***eżistenti u*** l-NGOs rilevanti, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet u komunitajiet ***taż-żgħażagħ***, biex jassistuha | Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat regolari tal-partijiet interessati u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tat-trasport ferrovjarju, ***inklużi n-netwerks*** transnazzjonali ***u transreġjonali eżistenti,*** l-NGOs rilevanti, ***is-sħab soċjali*** kif ukoll ta' organizzazzjonijiet ***taż-żgħażagħ*** u |

fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

komunitajiet, biex jassistuha fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021) |
| **Referenzi** | COM(2020)0078 – C9-0076/2020 – 2020/0035(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>11.3.2020 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>11.3.2020 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Martina Michels<br>11.5.2020 |
| **Data tal-adozzjoni** | 6.7.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 0<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Mathilde Androuët, Pascal Arimont, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Erik Bergkvist, Stéphane Bijoux, Franc Bogovič, Andrea Cozzolino, Corina Crețu, Rosa D'Amato, Tamás Deutsch, Christian Doleschal, Francesca Donato, Raffaele Fitto, Chiara Gemma, Cristian Ghinea, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Ondřej Knotek, Constanze Krehl, Elżbieta Kruk, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Nora Mebarek, Martina Michels, Niklas Nienaß, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Tsvetelina Penkova, Caroline Roose, André Rougé, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret, Monika Vana |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Vlad-Marius Botoş, Izabela-Helena Kloc, Stefania Zambelli |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 37 | + |
|---|---|
| ECR | Raffaele Fitto, Izabela-Helena Kloc, Elżbieta Kruk |
| GUE/NGL | Martina Michels, Younous Omarjee |
| NI | Rosa D'Amato, Chiara Gemma |
| PPE | Pascal Arimont, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Franc Bogovič, Tamás Deutsch, Christian Doleschal, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Andrey Novakov |
| RENEW | Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Cristian Ghinea, Ondrej Knotek, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret |
| S&D | Adrian-Dragoş Benea, Erik Bergkvist, Andrea Cozzolino, Corina Crețu, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Nora Mebarek, Tsvetelina Penkova |
| VERTS/ALE | François Alfonsi, Niklas Nienaß, Caroline Roose, Monika Vana |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ID | Mathilde Androuët, Francesca Donato, Alessandro Panza, André Rougé, Stefania Zambelli |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni